MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## DAVID SCICLUNA

Seduta tat-8 ta' Novembru, 2004

Citazzjoni Numru. 1082/1994/2

**Joseph Azzopardi, Frank Azzopardi, Maria mart Domnic Fenech u l-istess Domnic Fenech, Doris mart Emanuel Attard u l-istess Emanuel Attard, f'isimha proprju u bhala mandatarja ta' hutha imsifrin Stella Saliba mart Alfred u l-istess Alfred Saliba, u ta' Frank Busuttil, Anthony Grech, u Nazzareno Grech**

**vs**

**(1) L-Avukat Dottor Raymond Zammit u l-Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonnici b'digriet tat-13 ta' Ottubru 1994 gew nominati kuraturi biex jirrapprezentaw lill-eredita` giacenti ta' Francesco Cilia, iben Tommaso;**
**(2) U b'digriet tat-12 ta' Jannar 1995 Salvatore Sciberras gie nominat kuratur biex jirrapprezenta lill-eredita` giacenti ta' Vincenzo Cilia, iben Tommaso;**
**(3) U b'digriet tat-12 ta' Dicembru 1994 l-Avukat Dottor Raymond Pace u l-**

**Prokuratur Legali Hilda Ellul Mercer gew nominati kuraturi biex jirrapprezentaw lill-eredita` giacenti ta' Angelo Cilia, iben Tommaso;**

**(4) U b'digriet tat-12 ta' Dicembru 1994 l-Avukat Dottor Rachel Spiteri Bonello u l-Prokuratur Legali Josette Miceli Farrugia gew nominati kuraturi biex jirrapprezentaw l-eredita` giacenti ta' Giuseppe Cilia, iben Tommaso;**

**(5) U b'digriet tat-12 ta' Dicembru 1994 l-Avukat Dottor Joseph P. Bonnici u l-Prokuratur Legali Gerald Bonello gew nominati kuraturi biex jirrapprezentaw lill-eredita` giacenti ta' Giovanni Cilia, iben Tommaso;**

**(6) U b'digriet tat-12 ta' Dicembru 1994 l-Avukat Dottor Robert Mangion u l-Prokuratur Legali Davina Grima gew nominati kuraturi biex jirrapprezentaw l-eredita` giacenti ta' Giorgio Cilia, iben Tommaso;**

**(7) U b'digriet tat-23 ta' Novembru 1994 Polly Brincat giet nominata kuratrici biex tirrapprezenta lill-eredita` giacenti ta' Vincenzo Micallef, iben Paolo;**

**(8) U b'digriet tad-19 ta' April 1995 l-Avukat Dottor Raymond Zammit u l-Prokuratur Legali Edgar Montanro gew nominati kuraturi biex jirrapprezentaw lill-eredita` giacenti ta' Giuseppe Micallef, iben Paolo;**

**(9) U b'digriet tal-20 ta' April 1995 Clara Micallef giet nominata kuratrici biex tirrapprezenta lill-eredita` giacenti ta' Francesco Micallef, iben Paolo; u b'digriet ta' l-24 ta' April 2001 il-Qorti awtorizzat li jigi kjamat in kawza l-eredi gjacenti ta' Francesco Micallef li huwa Joseph Sant;**

**(10) U b'digriet tat-12 ta' Dicembru 1994 l-Avukat Dottor Raymond Zammit u l-Prokuratur Legali Lucy Bonello gew nominati kuraturi biex jirrapprezentaw lill-eredita` giacenti ta' Maria mart Giacomo Calleja, bint Paolo Micallef; u b'digriet tal-4 ta' Frar 1996 l-Avukat Dottor Raymond Zammit u l-Prokuratur Legali Lucy Bonello gew estromessi mill-kawza u minflokhom il-Qorti innominat lil Paul Vella**

**bhala kuratur biex jirrapprezenta lill-eredita` gjacenti ta' Maria mart Giacomo Calleja, bint Paolo Micallef**

Il-Qorti,

L-atturi f'din il-kawza qeghdin jitolbu li din il-Qorti tordna l-licitazzjoni tal-proprjeta` u dritijiet komprizi fl-assi ereditarji ta' Tommaso u Concetta nee' Busuttil, konjugi Cilia. Inoltre huma qeghdin jitolbu li din il-licitazzjoni ssir permezz ta' bejgh fi stadji konsekuttivi ("partita partita") u li r-rikavat totali jigi ripartit in proporzjon tal-kwoti rispettivi tal-partijiet fil-kawza, u sussegwentement bejn l-eredi eventwali tal-ereditajiet gjacenti fil-kawza.

Fis-seduta tal-25 ta' Gunju 2002 Dottor Karmenu Mifsud Bonnici ghall-atturi talab sabiex tinghata sentenza parzjali dwar is-sehem ta' kull "chip". Dottor Raymond Zammit, Dottor Vincent Galea u Dotor Tania Sciberras ma vverbalizzawx oggezzjoni ghal dan. Ghalhekk din il-Qorti, wara li ezaminat l-atti tal-kawza u wara li ezaminat id-dokumenti esibiti permezz ta' nota ta' l-atturi fil-25 ta' Ottubru 2004, ser tghaddi biex tiddetermina l-kwoti tal-partijiet mill-ereditajiet in kwistjoni.

Jidher inkontestat li Tommaso u Concetta, konjugi Cilia, ma kellhomx ulied u li, ghalkemm Concetta Cilia kienet is-superstiti u regghet izzewget lil certu Agostino Bartolo, it-testment li jirregola l-wirt kemm ta' Tommaso Cilia kif ukoll ta' Concetta Cilia (wara Bartolo) huwa dak *unica charta* li sar bejn Tommaso u Concetta fid-9 ta' Lulju 1938 fl-atti tan-Nutar Emanuele Pio Debono.

Permezz tas-sitt artikolu ta' l-imsemmi testment, it-testaturi konjugi Cilia hallew reciprokament b'titolu ta' legat il-kwarta parti ta' l-assi ereditarji rispettivi taghhom f'assoluta proprjeta`. Inoltre permezz tat-tmien artikolu hallew lil xulxin l-uzufrutt universali u generali tal-gid rispettiv taghhom bl-ezenzjoni ta' l-inventarju u mill-obbligu tal-kawzjoni kif rikjesti mil-ligi. Tommaso Cilia

nnomina mbaghad ghadda biex innomina l-eredi tieghu fid-disa' artikolu u Concetta Cilia fl-ghaxar artikolu.

Tommaso Cilia miet fil-5 ta' Jannar 1943 u ghaldaqstant l-wirt tieghu nqasam kif gej:

(1) 1/4 lil martu Concetta Cilia;
(2) 1/4 ta' 1/2 ta' 3/4, u cioe` 3/32 lit-tfal u ulterjuri dixxendenti taz-ziju tieghu Vincenzo Micallef;
(3) 1/4 ta' 1/2 ta' 3/4, u cioe` 3/32 lit-tfal u ulterjuri dixxedenti taz-ziju tieghu Giuseppe Micallef;
(4) 1/4 ta' 1/2 ta' 3/4, u cioe` 3/32 lit-tfal u ulterjuri dixxendenti taz-ziju tieghu Francesco Micallef;
(5) 1/4 ta' 1/2 ta' 3/4, u cioe` 3/32 lit-tfal u ulterjuri dixxendenti taz-zija tieghu Maria mart Giacomo Calleja;
(6) 1/6 ta' 1/2 ta' 3/4, u cioe` 1/16 lit-tfal u ulterjuri dixxendenti taz-ziju tieghu Francesco Cilia;
(7) 1/6 ta' 1/2 ta' 3/4, u cioe` 1/16 lit-tfal u ulterjuri dixxendenti taz-ziju tieghu Vincenzo Cilia;
(8) 1/6 ta' 1/2 ta' 3/4, u cioe` 1/16 lit-tfal u ulterjuri dixxendenti taz-ziju tieghu Angelo Cilia;
(9) 1/6 ta' 1/2 ta' 3/4, u cioe` 1/16 lit-tfal u ulterjuri dixxendenti taz-ziju tieghu Giuseppe Cilia;
(10) 1/6 ta' 1/2 ta' 3/4, u cioe` 1/16 lit-tfal u ulterjuri dixxendenti taz-ziju tieghu Giovanni Cilia;
(11) 1/6 ta' 1/2 ta' 3/4, u cioe` 1/16 lit-tfal u ulterjuri dixxendenti taz-ziju tieghu Giorgio Cilia.

Concetta Cilia mietet fil-11 ta' April 1960 u ghaldaqstant il-wirt taghha nqasam kif gej:

(1) 1/4 lil ommha Michelina armla ta' Francesco Busuttil;
(2) 1/4 lil ohtha Dolores mart Carmelo Azzopardi;
(3) 1/4 lil huha Carmelo Busuttil;
(4) 1/4 lil ohtha Antonia Busuttil.

Mhuwiex kontestat li sehem ommha Michelina Busuttil wara mewtha ntiret minn hut Concetta li ghalhekk gew li wirtu 1/3 kull wiehed u wahda minnhom mill-eredita` ta' Concetta Cilia. Hut Concetta huma wkoll mejtin u s-superstiti uliedhom (l-atturi) ghalhekk ghandhom sehem

kull wiehed u wahda minnhom mill-eredita` ta' Concetta Cilia kif sejjer jinghad:

(1) ulied Dolores Azzopardi: Joseph Azzopardi, Frank Azzopardi u Maria mart Dominic Fenech - 1/3 ta' 1/3, cioe` 1/9 kull wiehed u wahda minnhom
(2) ulied Carmelo Busuttil: Doris mart Emanuel Attard, Stella mart Alfred Saliba u Frank - 1/3 ta' 1/3, cioe` 1/9 kull wiehed u wahda minnhom;
(3) ulied Antonia mizzewga Grech: Anthony u Nazzareno - 1/2 ta' 1/3, cioe` 1/6 kull wiehed minnhom.

Mela mil-legat imholli lil Concetta Cilia kif fuq imsemmi, cioe` 1/4 mill-eredita` ta' zewgha Tommaso Cilia, ulied Dolores Azzopardi ghandhom 1/9 ta' 1/4, cioe` 1/36 kull wiehed u wahda minnhom, ulied Carmelo Busuttil ghandhom 1/9 ta' 1/4, cioe` 1/36 kull wiehed u wahda minnhom u ulied Antonia Grech ghandhom 1/6 ta' 1/4, cioe` 1/24 kull wiehed minnhom.

Dan ifisser li:

(A) L-eredita` ta' Tommaso Cilia (inkluza dik il-parti li halla b'legat lil martu) tinqasam hekk:

L-atturi Joseph, Frank u Maria Fenech, ahwa Azzopardi - 1/36 kull wiehed u wahda minnhom.
L-atturi Doris Attard, Stella Saliba u Frank, ahwa Busuttil - 1/36 kull wiehed u wahda minnhom.
L-atturi Anthony u Nazzareno, ahwa Grech - 1/24 kull wiehed minnhom.
L-ereditajiet gjacenti ta' Vincenzo, Giuseppe, Francesco u Maria mart Giacomo Calleja, ahwa Micallef - 3/32 kull wahda minnhom.
L-ereditajiet gjacenti ta' Francesco, Vincenzo, Angelo, Giuseppe, Giovanni u Giorgio, ahwa Cilia - 1/16 kull wahda minnhom.

(B) L-eredita` ta' Concetta Cilia (eskluza dik il-parti li wirtet b'legat minghand zewgha) tinqasam hekk:

L-atturi Joseph, Frank u Maria Fenech, ahwa Azzopardi - 1/9 kull wiehed u wahda minnhom.
L-atturi Doris Attard, Stella Saliba u Frank, ahwa Busuttil - 1/9 kull wiehed u wahda minnhom.
L-atturi Anthony u Nazzareno, ahwa Grech - 1/6 kull wiehed minnhom.

Naturalment il-proprjeta` li l-konjugi Tommaso u Concetta Cilia kellhom in komuni tinqasam hekk:

L-atturi Joseph, Frank u Maria Fenech, ahwa Azzopardi - (1/36 ta' 1/2) + (1/9 ta' 1/2) = 5/72 kull wiehed u wahda minnhom.
L-atturi Doris Attard, Stella Saliba u Frank, ahwa Busuttil - (1/36 ta' 1/2) + (1/9 ta' 1/2) = 5/72 kull wiehed u wahda minnhom.
L-atturi Anthony u Nazzareno, ahwa Grech - (1/24 ta' 1/2) + (1/6 ta' 1/2) = 5/48 kull wiehed minnhom.
L-ereditajiet gjacenti ta' Vincenzo, Giuseppe, Francesco u Maria Calleja, ahwa Micallef - 3/32 ta' 1/2 = 3/64 kull wahda minnhom.
L-ereditajiet gjacenti ta' Francesco, Vincenzo, Angelo, Giuseppe, Giovanni u Giorgio, ahwa Cilia - 1/16 ta' 1/2 = 1/32 kull wahda minnhom.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tiddikjara li l-eredita` ta' Tommaso Cilia ghandha tinqasam kwantu ghal 1/36 lil kull wiehed mill-atturi Joseph Azzopardi, Frank Azzopardi, Maria mart Dominic Fenech, Doris mart Emanuel Attard, Stella mart Alfred Saliba u Frank Busuttil, kwantu ghal 1/24 lil kull wiehed mill-atturi Anthony Grech u Nazzareno Grech, kwantu ghal 3/32 lil kull wahda mill-ereditajiet gjacenti ta' Vincenzo Micallef, Giuseppe Micallef, Francesco Micallef u Maria mart Giacomo Calleja, u kwantu ghal 1/16 lil kull wahda mill-ereditajiet gjacenti ta' Francesco Cilia, Vincenzo Cilia, Angelo Cilia, Giuseppe Cilia, Giovanni Cilia u Giorgio Cilia, filwaqt li l-eredita` ta' Concetta Cilia ghandha tinqasam kwantu ghal 1/9 lil kull wiehed u wahda mill-atturi Joseph Azzopardi, Frank Azzopardi, Maria mart Dominic Fenech, Doris mart Emanuel Attard, Stella mart

Alfred Saliba u Frank Busuttil, u kwantu ghal 1/6 lil kull wiehed mill-atturi Anthony Grech u Nazzareno Grech.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------